**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 08/12 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | | |
| **Data** | 05/07/2012 fis-6.45pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Vici Sindku Joan Agius | Preżenti sat-8.00pm |
| | | Camilleri Claude | Preżenti mis-7.00pm |
| | | Darmanin Richard | Skuzat minhabba raguniejiet ta' xoghol |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti mit-7.50pm |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistant Prinċipal Caroline Schembri

**08. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 1. 1 | | Proponent: Wille Piscopo<br>Sekondant: Seychell | **Il-Minuti 07/12 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | 07.2.3 | Jiżdiedu l-kliem 'għal Ġnien iċ-Ċrieki. Il-Kunsill qabel.' | | |
| | 07.10.19 | Minflok 'Gafa', jidħlu l-kliem 'Żejtun Home'. | | |
| 08. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**08. 2. Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 1 | 07.3.4 | Sindku: Bini ta' toroq residenzjali | Is-Sindku talab sabiex tintbagħat reminder tat-toroq li s'issa baqgħu ma sarux minn TM. | Sindku |
| 08. 2. 2 | 07.3.5 | Sindku: Tender - Jogging Track | Is-Sindku informa lill-Kunsill li inħarget sejħa ghall-offerti għall-bini ta' jogging track fi Ġnien San Girgor. | Sindku |
| 08. 2. 3 | 07.3.7 | Sindku: Għaqda Mużikali Beland - Attivita' Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser issir laqgħa mas-Segretarju ta' l-Għaqda Mużikali Beland dwar l-attivita' Żejt iż-Żejtun. | Sindku |
| 08. 2. 4 | 07.5.1/2 | Tenders PKGSA & NUR | Hales irrapporta lill-Kunsill li saru l-contract aggreements mas-Sur Wilson Mifsud kif iddeċieda l-Kunsill. It-tenderers l-oħra ġew mogħtija ir-refusal letters. Ġiet identifikata l-problema ta' tfiegħ ta' skart fi Triq Ħotba u għaldaqstant minflok kull 3 xhur ser tibda issir kull xahar. Fl-opinjoni tiegħu is-Sindku iħoss li t-tindif f'din it-triq għandu jibqa' jsir mill-CSD. Hales talab sabiex nitolbu lill-TM iwaħħlu tabelli biex ma jsirx ipparkjar ta' trailers f'din it-triq. **Il-Kunsill qabel.** | Hales |
| 08. 2. 5 | 07.7.2 | Viċi-Sindku: Attivita' Ragusa | Il-Viċi-Sindku irrapurtat l-attivita' li saret ġewwa Ragusa li din intlaqgħet tajjeb ħafna. Għal din l-attivita' ipparteċipaw madwar 30 ruħ. | Viċi-Sindku |
| 08. 2. 6 | 07.8.1 | Sindku: Sqaq f'Misraħ Indipendenza | Is-Sindku irraporta x-xogħol li sar fi Sqaq Sant'Anġlu li dan iwassal għal Misraħ Indipendenza liema sqaq ġie sabiħ ħafna. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 7 | 07.9.1 | Sindku: Disinn għas-Sala tal-Kunsill | Is-Sindku ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill disinn għas-sala tal-Kunsill. Dan id-disinn għandu bżonn jiġi mmodifikat peress li mhux kif xtaq il-Kunsill. | Sindku |
| 08. 2. 8 | 07.10.1 | Viċi-Sindku: Attivita' miż-Żejtun Corinthians Youth Nursery | Il-Viċi-Sindku irrapurtat lill-Kunsill li kien hemm xi problema b'tieġ li kien ser jiġi ċċelebrat fil-Knisja ta' San Girgor. Il-Viċi-Sindku staqsiet minn fejn ittieħed id-dawl għal din l-attivita'. Il-Kunsilliera Fenech qalet li d-dawl ittieħed minn Ġnien San Girgor kif kien miftiehem waqt laqgħa li l-organizzaturi kellhom mas-Sindku. | Fenech |
| 08. 2. 9 | 07.10.2 | Hales: Tender Street Sweeping | Hales informa lill-Kunsill li t-tender ta' l-istreet sweeping ser jinkorpora fih it-tindif tal-bus shelters. | Hales |
| 08. 2. 10 | 07.10.13 | Overspeeding fi Triq Toni Zahra | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li inkitbet ittra dwar l-overspeeding madwar il-lokalita' b'mod speċjali fi Triq Toni Zahra lis-Sup. Ray Vella Gregory iżda ma ħadniex risposta. | |
| 08. 2. 11 | 07.10.15 | Viċi-Sindku: Permessi ta' żvilupp | Il-Viċi-Sindku staqsiet x'qed jiġri dwar il-permessi ta' żvilupp peress li l-estensjoni ta' l-iskola Carlo Diacono ma ġietx quddiem il-Kunsill. **Il-Kunsill qabel li jikteb lic-Chairman tal-MEPA.** | |
| 08. 2. 12 | 07.10.19 | Viċi-Sindku: Reserved parking fid-Dar ta' l-Anzjani | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir refreshing ta' reserved parking fil-parking tad-Dar ta' l-Anzjani. Hales talab sabiex isir dak ta' Triq is-Salvatur. | |
| 08. 2. 13 | 07.10.20 | Viċi-Sindku: Dar Nazzarett - Arriva | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kellniex xi risposta dwar ir-residenti ta' Dar Nazzarett mill-Arriva. Is-Segretarjat spjega li kien qed jagħmel kuntatti ma' Adrian Tonna ta' l-Arriva fejn dan qal li l-benefiċċji li jeżistu għall-persuni b'diżabilita' huma bħal dawk ta' 61+. S'issa jidher li għadna ma wasalniex. | |

**08. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML08/12. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 08. 3. 1 | 03 | MEPA: PA458/12 | **Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-case officer li dan il-gaming shop ser ikun f'żona ta' 100 metru minn mużew li fih jattendu bosta tfal.** | Sindku |
| 08. 3. 2 | 06 | DLG: Memo 29/2012 | Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret proposta sabiex Triq Gwiedi issir żona pedonali. | Sindku |
| 08. 3. 3 | 08 | HA: Laqgħa | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ġimgħa d-dieħla ser issir laqgħa mal-Perita ta' l-Awtorita' tad-Djar dwar il-każ tal-Housing Estate Ta' Ganza. | Sindku<br>Viċi-Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 3. 4 | 14 | Stanley Portelli: Nuqqasijiet fi Triq Strejnu | Il-Kunsill qara l-ittra tas-Sur Portelli u ġie innutat li l-knis fi Triq Strejnu ma jistax isir peress li l-wiċċ tat-triq jinsab maqlugħ. Dwar il-problema ta' skart il-Kunsill iddiskuta din il-materja f'diversi żoni madwar il-lokalita'. Il-punti f'din id-diskussjoni kienu dawn: ġbir ta' skart qabel il-ħin stipulat fil-kuntratt, żieda ta' ġrieden fit-toroq minħabba dewmien ta' skart fit-toroq, ġbir ta' skart fil-kantunieri. Is-Segretarju Eżekuttiv irraporta l-laqgħa li kellu ma' l-aħwa Bezzina u hu wissa lil Bezzina sabiex is-sistema ta' ġbir ta' skart fil-kantunieri tieqaf. **Il-Kunsill qabel li jekk din ir-regola ma tiġix osservata ma jkollux triq oħra ħlief li japplika default notice.** | Sindku |

**08. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 08. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 08/12 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 08/12 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 08. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 08/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 08. 4. 4 | | Petty Cash -Ġunju 2012 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq għax-xahar ta' Ġunju li kien jammonta għal €139.04.** | Segretarjat |

**08. 5. PPP Toroq Ħruġ ta' Tender mill-ġdid**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 5. 1 | | Sindku: Jirrraporta | **Is-Sindku spjega li għal din it-tender intefgħet offerta waħda biss liema prezzijiet huma għoljin. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill qabel li għandha toħrog sejħa għall-offerti oħra.** | Sindku |
| 08. 5. 2 | | | Il-Kunsill kien infumat li l-KSI diġa' tat lill-Kunsill il-flus sabiex isiru s-servizzi fis-sitt toroq li ser isiru f'din it-tender. | |

**08. 6. Resurfacing Sqaqien Rurali Proġett 125 Gal Xlokk**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li saret applikazzjoni fejn bħalissa hemm bdiewa full timers għal proġett 125 ta' Gal Xlokk. S'issa għadha ma ngħatatx l-approvazzjoni mill-Gvern sabiex isir ix-xogħol u għaldaqstant il-proġett jinsab wieqaf. | Sindku |

| 08. 7. | | Resurfacing Vjal 25 ta' Novembru (parti residenzjali) | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 08. 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku ta rapport tax-xogħol li ser isir fi Vjal 25 ta' Novembru bejn Alex Mercieca Bathroom Centru u r-roundabout ta' Misraħ Carlo Diacono. F'din il-parti ta' triq jeżisti radam mhux compacted u għalhekk qed nistennew ir-rakkomonadazzjoni tal-Perit. Saret proposta quddiem TM sabiex jingħalqu 2 lanes għat-traffiku fi Vjal 25 ta' Novembu. Saru diskussjonijiet ma' l-Arriva sabiex il-karozzi tal-linja jidħlu sa Ta' Ganza. Qed jiġi kkunsidrat li l-karozzi tal-linja jibdew jinżlu minn Triq Dejma sa Barbetta. Dwar dan qed nistennew risposta. | |

| 08. 8. | | Affarijiet Oħra jekk meqjusa | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 08. 8. 1 | | Seychell: Attivita' Kompetizzjoni ta' l-Inbid | Seychell irraporta l-attivita' ta' l-inbid. Għal din l-attivita' kien hemm dħul ta' €101.50. It-trofej li saru għal din l-attivita' intogħġbu ħafna. | Seychell |
| 08. 8. 2 | | Sindku: Artiklu fil-gazzetta Attivita' Beland | Inqara l-artiklu li ġie ppubblikat fuq l-Orizzont dwar l-attivita' li saret mill-Għaqda Mużikali Beland kif ukoll ir-risposta li ser jagħti s-Segretarju Eżekuttiv. **Il-Kunsill qabel ukoll li jikteb fil-ġurnal imsemmi aktar 'l fuq li l-permess u l-kundizzjonijiet bi ftehim ma' l-organisers saru mill-Kunsill kollu skont il-minuti 01/12 li dawn ġew korretti u ffirmati.** | Sindku |
| 08. 8. 3 | | Hales: Skart fi Triq Licata u Triq Vendome | Hales talab sabiex jitneħħa l-krejn li hemm bejn Triq Licata u Triq Vendome sabiex isir it-tindif li hemm bżonn. Is-Sindku u l-kunsillier Hales ser jinżlu fuq il-post. | Hales |
| 07. 8. 4 | | Sindku: Makna ta' karozza mitluqa | Is-Sindku talab sabiex tinġabar makna ta' karozza mitluqa f'parapett ta' dar mitluqa fi Triq Kastellan. | Hales |
| 08. 8. 5 | | Fenech: Laqgħa MCast | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa li ssirr ta' kull sena dwar il-programmi li toffri l-Mcast ser issir fis-17 ta' Lulju fis-Sala tal-Kunsill fis-6.00pm. Iż-żgħażagħ li diġa' jattendu dan il-kulleġġ ser jagħtu l-esperjenzi tagħhom. | Fenech |
| 08. 8. 6 | | Fenech: z@freak | Fenech infurmat lill-Kunsill li bħalissa l-youths@local qed iħejju l-preparamenti għall-attivita' annwali z@freak. | Fenech |
| 08. 8. 7 | | Fenech: youth@local | Fenech infurmat lill-Kunsill li bħalissa l-youths@local huma attivi ħafna u qed jattendu madwar 35/40 parteċipant. Bħalisssa qed jiltaqgħu kull nhar ta' Sibt u fis-Sajf ser jiltaqgħu darb'oħra tul il-ġimgħa fil-għaxija. | Fenech |
| 08. 8. 8 | | Pace: Bini ta' Triq Bormla | Pace informa lill-Kunsill li ser isir il-bini mill-ġdid ta' Triq Bormla. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 08. 8. 9 | Pace: Underground Bring-in site | Pace staqsa dwar il-problema ta' underground bring-in site fi Ġnien Brejġu. Is-Sindku spjega li dalgħodu kien hemm tentattiv ieħor sabiex tissolva l-problema ta' din il-bring in site iżda ma rnexxiex. Għada ser jinġib krejn sabiex il-konenituri jintrefgħu. | Sindku |
| 08. 8. 10 | Pace: Ġbir ta' Skart | Il-Kunsillier Pace ġibed l-attenzjoni dwar nuqqas ta' ġbir ta' skart reċiklabbli mill-inħawi ta' Triq John Borg filwaqt li l-Erbgħa l-iskart reċiklabbli tħallat ma' dak organiku. | |
| 08. 8. 11 | Camilleri: Korsijiet edukattivi | Camilleri irraporta li kien hemm madwar 120 applikant għal kors tal-kompjuter filwaqt li kien hemm 27 applikant għall-korsijiet edukattivi. | Camilleri |
| 08. 8. 12 | Camilleri: Librerija Pubblika | Camilleri talab sabiex isir il-knis quddiem il-librerija pubblika kif ukoll isir it-tibjid tal-faċċata u twieqi. **Il-Kunsill qabel.** | Hales |
| 08. 8. 13 | Sindku: Ħaxix ħażin u żbir ta' siġar. | Is-Sindku talab sabiex isir il-qtugħ ta' ħaxix ħażin minn Ġnien Brejġu u żbir ta' siġar minn Ġnien iż-Żgħożija. Kien hemm qbil li dawn isiru mill-ħaddiema ta' Zammit Nurseries. | |
| 08. 8. 14 | Camilleri: Qasab fi Triq Toni Zahra | Camilleri talab sabiex jinqata l-qasab li ħiereġ għal ġo Triq Toni Zahra. Il-Kunsill laqa din it-talba. | Hales |
| 08. 8. 15 | Camilleri: Sleeping Policeman fi Triq Santa Marija qabel Sant'Isidoru | Camilleri fakkar lill-Kunsill dwar talba għal sleeping policeman fi Triq Santa Marija qabel Sqaq Sant'Isidoru. | |
| 08. 8. 16 | Seychell: Tiswijiet KSI | Seychell staqsa jekk kienx hemm xi problemi mill-KSI minħabba tiswijiet li qed idumu biex isiru. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Sindku |
| 08. 8. 17 | Seychell: Applikazzjoni Misraħ ir-Repubblika | Seychell staqsa jekk saritx applikazzjoni għal tisbiħ ta' Misraħ ir-Repubblika. Is-Sindku spjega li l-applikazzjoni li saret hija sabiex issir funtana. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 25 ta' Lulju, 2012 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

Sindku

Segretarju Eżekuttiv